MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 503/2006

**Joseph Mary Dimech**
**Vs**
**Maria Borg**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta’ Gunju 2006, fejn intalab li l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta’ sitt mija u hamsin lira (Lm650) rapprezentanti valur ta’ danni sofferti fl-ghamara tal-kcina gewwa l-fond 4 Step street, St Paul’s Bay per konsegwenza ta’ perkolazzjoni ta’ ilma minn gol-fond tal-konvenuta.

Bl-ispejjez.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur ghas-subizzjoni tal-konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament taghha u biex b’hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Ra illi ghalkemm notifikata legalment il-konvenuta naqset u ma deheritx la fis-seduta tas-16 ta’ Frar 2007, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni taghha u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz in-nota datata 7 ta’ Novembru 2006 fejn l-attur kien gie nfurmat mill-konvenuta li kienet sejra thallas;

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma kif rikjesta fl-ammont ta’ sitt mija u hamsin lira (Lm650) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta’ din is-sentenza u bl-ispejjez kollha ta’ din l-istanza kontra l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------